**Minuti tal-Laqgħa nru 21 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret , il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru 2008 fit-8.30 p.m.**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 8.30 p.m. | 9.15 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 8.30 p.m. | 9.15 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | Skużat | |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.30 p.m. | 9.15 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | Skużat | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużat | |
| Kunsillier Paul Agius | 8.30 p.m. | 9.15 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.30 p.m. | 9.15 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.30 p.m. | 9.15 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużat | |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa il-Viċi Sindku infurmat li hija tista toqod biss sad-9.15p.m. għax kellha impenji oħra.

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 19 u 20 (28 ta' Lulju 2008 u 2 ta' Settembru 2008)**

Saret korrezzjoni fil-minuti No 19 fejn il-Kunsilliera Mario Sammut u l-Viċi Sindku għandhom jitnizzlu bħala skużati u mhux assenti.

**2.0 Tagħrif mill-Minuti**

Is-Segretarju informa li huwa kien talab lill-Kunsillier Chris Grech kopja ta' pjanta li nbagħtet lill-MEPA mill-Każin Santa Marija li tindika l-post fejn fu propost li jitqiegħed l-iljun. Il-Perit Chris Grech wiegħed li jagħmel dan mill-aktar fis possibbli.

**3.0 Korrispondenza**

Billi kien hemm ħafna korrispondenza akkumulata sa minn Lulju, u billi l-Viċi Sindku kienet infurmat li tista toqgħod biss sad-9.15 p.m. is-segretarju talab li l-Kunsilliera jiddeċiedu huma liema korrispondenza għada tiġi trattata. Ġie deċiż li jsir hekk u l-kumplament jitħallew għall-seduti oħra.

Hawn ġie deċiż li s-seduti tal-Kunsilli jkun aktar spissi billi jsiru kull 3 ġimgħat u li laqgħat jibdew fis-7.30 p.m.

3.1 Inqrat ittra tas-Sinjorina Angele Cristina fejn għamlet proposta ta' lezzjonijiet tad-drama, kant u żfin. Il-Viċi Sindku qalet li ma jidhriliex li din l-ittra għandha tieħu preċedenza fuq materji aktar urġenti u barra minnhekk din l-attivita' kienet taqa taħt id-dekasteru tagħha u ittri bħal din għandhom jiġu studjati minna bħala il-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni qabel jittresqu quddiem il-Kunsill.

Wara diskussjoni ma kienx aċċettat li ssir votazzjoni fuq din it-talba ta' Ms Cristina u ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni.

3.2 Inqara program ta' attivitajiet għall anzjani li bagħat il-Kunsillier Mario Sammut fejn talab li l-Kunsill jħallas għal ikel u xorb fl-okkażżjoni ta' coffee morning li kien sar fil-25 ta' Settembru 2008. Dan ġie approvat unanimament.

Ġie aċċettat ukoll li l-Kunsill jipprovdi transport għall-Breakfast għall-anzjan li għandu jsir mill-istess Kunsillier Sammut fis-Selmun Palace Hotel fid-29 ta' Ottubru 2008. Talbiet oħra tas-Sur Mario Sammut tħallew għal darba oħra billi ma kienx hemm ħin li dawn jiġu diskusssi

3.3 Inqrat korrispondenza mill-aġenzija Citadel dwar 3 Insurance Policies tal-Kunsill. Is-Segretarju qal li billi t-tender ta' din l-aġenzija kien ilu snin li skada huma talab sabiex dawn il-policies jiġu mġedda pro-rata sa l-aħħar tas-sena 2008 kif propost mis-Citadel u sa dan it-tant jinħareġ tender għas-snin 2009/2012. Huwa issuġġerixxa li ssir sejħa għall-'Brokers' u mhux 'Insurance Agencies' direttament għaliex l-'Brokers' jfittxu l-aħjar prezzijiet fis-suq u jitħallsu l-kummissjoni tagħhom mill-aġenzija stess u mhux mill-Kunsill. Ġie deċiż li jiġġeddu l-policies kif sal 31 ta' Diċembru 2008 kif propost u jittieħdu passi biex jinħareġ t-tender kif l-aħjar jsir.

Billi beda jagħfas il-ħin saret proposta ta' sospensjoni tar-regolamenti sabiex jinqabżu Agenda items 4 u 5 u jiġu diskussi biss agenda items 6 u 7. Din ġiet aċċettata.

**6.0 Ittra urġenti lill-ADT fuq it-triq Markiż Mallia Tabone.**

Ġie deċiż li tinkiteb ittra u jintbagħtu ritratti ta' Triq Markiż Mallia Tabone li tiżbokka fuq Main Street fejn hemm ħajt tas-sejjieħ jimblokka u fejn jinġabar ħafna żibel u ħmieġ. Billi jidher li hemm xi kwistjoni bejn sid l-art u l-gvern , il-Kunsill għandu jinsisti li din tiġi solvuta u tinfetaħ it-triq.

**7.0 Noħorġu tender għall-culvert minn Tower Road sa Eucharistic Congress Road, Mosta**

Residenti fi Triq Tower Road ilhom jilmentaw għal ħafna snin li meta tagħmel ix-xita huma jegħrqu bl-ilma u li kien jinħtieġ isir culvert jekk hu possibbli mit-triq Tonna sa Triq il-Kungress Ewkaristiku. Ġie deċiż li l-perit tal-Kunsill jagħmel studju tal-problema u jiġi bi proposta u stima tax-xogħol meħtieġ kemm jista jkun malajr.

**Items 8 sa 14 tħallew għal seduta oħra billi kienu saru 9.15 p.m. u f'dan il-ħin telqet mill-kamra il-Viċi Sindku u ma kienx għad hemm 'quorum'.**

Is-seduta waqfet fid-9.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |